Ħxejjex Madwarna



*fjura miftuħa minn naħa waħda biex turi il-partijiet ta' ġewwa*

# ĦXEJJEX KOMUNISSIMI ①




*ĦAXIXA NGLIŻA*

Il-ħxejjex li niltaqgħu magħhom jikbru waħedhom fi gżirijietna nistgħu naqsmuhom f'żewġ kwalitajiet: dawk li jikbru f'ambjenti tassew naturali, li ma tantx ikunu mimsusa minn id il-bniedem bħal per eżempju l-irdum, ix-xagħri u certi widien; u l-ambjenti li jkunu ġew disturbati mix-xogħol tal-bniedem bħal ma huma l-egħlieqi, ħamrija mqallba, ġonna, art mitluqa qrib il-bini u trejqiet tal-kampanja.

Naturalment l-aktar li huma ta' nteress huma l-ħxejjex ta' l-ambjenti naturali, iżda dawk li l-aktar naraw ta' kuljum, fi triqitna huma dawk ta' l-ambjenti mqallba u għalhekk f'din l-ewwel artiklu sejrin niltaqgħu ma'xi wħud minn dawn il-pjanti.

Waħda mill-aktar ħxejjex komuni hija bla dubju ta' xejn il-ĦAXIXA NGLIŻA (l-isem xjentifiku huwa *Oxalis pes-caprae*) li hemm min jafha wkoll bħala NGLIŻA, QARSU u QARES. Din il-pjanta kulħadd jaf liem' hi iżda mhux kulħadd jobsor il-fatt li din mhix pjanta Maltija. Il-Ħaxixa Ngliża ġiet impurtata Malta f'xi l-1809 mill-Afrika ta' Isfel mill-patri Karmelitan Genovis Carlo Giaċinto li dak iż-żmien kien jieħu ħsieb il-ġonna botaniċi tal-Furjana. X'aktarx ngħidulha Ngliża għax dak iż-żmien l-Ingliżi ma kinux ilhom li ġew jaħkmu l-Malta u kull ħaġa ġdida konna nwaħħluha fihom. Minn dak iż-żmien il-Ħaxixa Ngliża ġriet minn Malta u issa tinsab komuni wkoll fl-Italja, fl-Arika ta' Fuq u pajjiżi oħra.






*LELLUX*
*(a) fjurett tar-raġġ;*
*(b) fjurett tan-nofs.*

Għalkemm komunissima, din il-pjanta qatt, jew rari ħafna, li tagħmel il-frott u ż-żerriegħa. Dan għaliex il-Ħaxixa Ngliża mhix kapaċi tiddakkar. Jiġri hekk għaliex f'pajjiżha, l-Afrika t'Isfel din tinsab fi tliet forom u jinħtieġ li jkun hemm almenu tnejn minn dawn sabiex il-pjanta tiddakkar. F'Malta daħlet biss waħda minn dawn il-forom. Għalhekk f'pajjiżna il-Ħaxixa Ngliża titkattar biss permezz tal-basal żgħir li tagħmel. Ħafna tfal iħobbu jieklu z-zkuk bojod li tagħmel taħt l-art u li jgħidulhom ĦANXUL. Din hija drawwa ħażina għax min ma joqgħodx attent jistgħu jagħmlulu d-deni. Dan għaliex dil-pjanta fiha ħafna aċdu ossaliku (**oxalic acid**) li huwa velenuż. Ġieli niltaqgħu ukoll ma' forma tal-Ħaxixa Ngliża li tagħmel fjur doppju, jiġifieri b'ħafna petali. Din tissejjaħ INGLIŻA ĦAMRA peress li l-petali ta' barra huma ħamranin. Din il-forma hija sterili u għalhekk ma tistax isservi għat-tidkir.

Jekk nosservaw il-Ħaxixa Ngliża naraw li bil-lejl kemm il-ward kif ukoll il-weraq jagħlqu. Jifthu filgħodu iżda jerġgħu jagħlqu jekk ix-xemx issir qawwija ħafna jew ikun hemm sħana kbira. Dan għaliex il-Ħaxixa Ngliża hija sensittiva għad-dawl kif ukoll għat-temperatura.

Pjanta komunissima oħra hija l-LELLUX (*Chrysanthemum coronarium*) li hemm min igħidlu wkoll ŻIGLAND. Din issebbaħ kull fejn tikber bil-ward kbir isfar tagħha. Il-Lellux hija waħda mill-ħxejjex tal-familja magħrufa bħala *Compositae*. Dawn il-pjanti jagħmlu ħafna fjur zgħir li jkun miġbur f'bukkett li mad-daqqa t'għajn ikun qisu fjura waħda. Fil-fatt il- **fjur** tal-Lellux huwa bukkett sħiħ u nsibu fiħ numru kbir ta' fjuri żgħar. Xi wħud minn dawn il-fjuretti għandhom petala twila li tifforma speċi ta' raġġ (jekk inqabblu l-Lelluxa max-xemx) u fin-nofs hemm bosta fjuretti żgħar b'ħames petali qosra (araw bil-lenti). Il-Lellux jiddakkar minn dubbien u ħanfus żgħir li meta jkun miexi u jagħwar fuq il-**fjuri** idakkar il-ħafna fjuretti żgħar li jkunu magħmula minnhom. Hi ħaġa probabbli li l-Lellux ukoll oriġina barra minn Malta, x'aktarx fl-Asja iżda jidher li ilu li stabilizza ruħu f'Malta. Fiċ-Ċina teżisti forma tal-Lellux li tiġi kkultivata għall-ikel. Il-botanista Malti Gavino Gulia fil-ktieb tiegħu *Repertorio Botanico Maltese* li ħareġ fl-1855-56, igħid li f'xi rħula ta' l-Italja jittieklu l-weraq mgħollija tiegħu. F'ħafna pajjiżi l-Lellux huwa kkultivat fil-ġonna bħala ornament. Ġieli niltaqgħu ma' Lellux li l-fjur tiegħu ikun kważi abjad u bin-nofs isfar.

F'Għawdex niltaqgħu wkoll ma' xorta oħra ta' Lellux li jikber l-aktar fl-egħlieqi. Din il-Lelluxa jien ngħidilha LELLUX T'GĦAWDEX (*Chrysanthemum segetum*). Tixbaħ ħafna l-Lellux komuni iżda l-fjur għandu isfar kemm kemm iktar karg u l-weraq huma pjuttost wesgħin u mhux maqtugħin ħafna bħalma huma fil-Lellux komuni. F'Malta nsibuha wkoll iżda hija rarissima u kull ma jmur dejjem tonqos.

Pjanta oħra komuni ħafna hija il-ĠARĠIR (*Diplotaxis erucoides*). Din tagħmel il-ward tagħha fi ftit żmien biss wara li tinbet meta tkun għamlet l-ewwel xita u għalhekk f'qasir żmien kull fejn ikun hemm xi ħamrija mqallba jew abbandunata jinkesa bil-ward abjad tagħha. Il-Ġarġir hija pjanta tal-familja magħrufa bhala *Cruciferae* li tfisser **bis-Salib.** Dan għaliex il-pjanti ta' din il-familja għandhom erba' petali u ghalhekk jixxebhu mas-Salib. Karatteristika oħra ta' din il il-familja hija li jipproduċu frott f'sura ta' mżiewed. Kull miżwed ikun fih żewġ ringieli żerriegħa. F'din il-familja nsibu wkoll bosta ħxejjex ikkultivati għall-ikel bħal kaboċċi, ġdur, pastard u ravanell. Għalhekk m'għandiex tkun sorpriża l-fatt li l-Ġarġir hija pjanta li tista' tittiekel ukoll. Insibu wkoll xorta oħra ta' Ġarġir bħal per eżempju l-ĠARĠIR ISFAR (*Diplotaxis tenuifolia*) li hija aktar soda mill-Ġarġir l-abjad. Din aktarx daħlet Malta f'dawn l-aħħar mitejn sena. Il-botaniku Taljan Stefano Sommier u dak Malti Alfredo Caruana Gatto fil-ktieb tagħhom *Flora Melitensis Nova* li ħareġ fl-1915 jagħtu wieħed x'jifhem illi fi żmienhom il-Ġarġir Isfar ma' tantx kien komuni.

Il-ħxejjex li semmejna huma kollha komunissimi u ġieli nisimgħu min jirreferi għalihom bħala **ħaxix ħażin** Dan l-isem m'għandux jintuża għaliex kull ħaxixa ħadra tkun qegħda tagħmel il-ġid peress li tkun qegħda tagħti l-ossiġenu lill-arja li permezz tiegħu aħna nkunu nistgħu nieħdu n-nifs. Barra minn hekk dawn isebbħu ħafna mkejjen li jkunu ġew imqallba, u li ma kienx għalihom ikunu koroħ ħafna. Jien nippreferi nara xi traffic island miksija bil-Ġarġir milli ħamrija mikxufa. Il-ħxejjex li jikbru waħedhom m'għandhomx jiġu meqruda għal xejn b'xejn. Wara kollox dawn ukoll qegħdin jikkontribwixxu sabiex pajjiżna jħaddar.

EDWIN LANFRANCO.




*ĠARĠIR*
*(a) żewġ dehriet tal-miżwet*
*(b) fjur*